

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**tas-16 ta' April 2007****dwar il-pożizzjoni li trid tiġi adottata, fisem il-Komunità, fi ħdan il-Kunsill Internazzjonali taż-
Żrieragħ fir-rigward ta' l-estensjoni tal-Konvenzjoni dwar in-Negozju taż-Żrieragħ ta' l-1995**

(2007/317/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 133 flimkien ma' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Billi:

Il-Konvenzjoni dwar in-Negozju taż-Żrieragħ ta' l-1995 ġiet konklużi mill-Komunità permezz tad-Deċiżjoni 96/88/KE ⁽¹⁾ u ġiet estiża b'mod regolari għal perjodi oħra ta' sentejn. Il-Konvenzjoni kienet estiża l-aħħar permezz tad-deċiżjoni tal-Kunsill Internazzjonali taż-Żrieragħ f'Ġunju 2005 u għandha tibqa' fis-seħħ sat-30 ta' Ġunju 2007. Huwa fl-interess tal-Komunità li ssir estensjoni oħra. Il-Kummissjoni li tirrapreżenta lill-Komunità fil-Kunsill Internazzjonali taż-Żrieragħ għandha għalhekk tiġi awtorizzata biex tivvota favur estensjoni bħal din,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu Waħdieni

Il-Pożizzjoni tal-Komunità fi ħdan il-Kunsill Internazzjonali taż-Żrieragħ hija li tivvota favur l-estensjoni tal-Konvenzjoni tan-Negozju taż-Żrieragħ 1995 għal perjodu ieħor ta' mhux aktar minn sentejn.

Il-Kummissjoni hija b'dan awtorizzata li tesprimi din il-pożizzjoni fi ħdan il-Kunsill Internazzjonali taż-Żrieragħ.

Magħmul fil-Lussemburgu, 16 ta' April 2007.

*Għall-Kunsill**Il-President*

H. SEEHOFER

(¹) ĠU L 21, 27.1.1996, p. 47.